MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' April, 2005

Avviz Numru. 103/2005

**Maltacom p.l.c. - (C 22334)**

**vs**

**Raymond Hili – I D 500156M**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm2,228.92) rapprezentanti ammont dovut mill-konvenut in konnessjoni mas-servizzi telefonici in kwantu ghal Lm1,139.16 fuq servizz telefoniku li jgib in-numru 21416390 (a/c 10185968), in kwantu ghal Lm118.98 fuq servizz telefoniku li jgib in-numru 21418195 (a/c 10185967), in kwantu ghal Lm403.17 fuq servizz telefoniku li jgib in-numru 21430948 (a/c 10178874) u in kwantu ghal Lm567.61 fuq servizz telefoniku li jgib in-numru 21430948 (a/c 10178875) [skond kif jirrizulta mill-

anness Dok A, B, C, D, E, F u G] liema servizzi gew installati Future Furniture, Factory 5A, Qasam Industrijali, Attard, rispettivament u dan kif jirrizulta mill-anness Dok H.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezentata ta' l-Avviz ghas-smiegh u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-11 ta' April, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------